# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 8 ta' Frar 2023**

**Rik. Gur. Nru.: 123/2022/3 JPG**
**Kawza Nru.: 4**

**AB**
**Vs**
**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AB, datata 9 ta' Gunju 2022, a fol 2 li jaqra hekk:

*Illi permezz tar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi, l-esponenti talbet, fost affarijiet ohra, sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejnha u bejn l-intimat zewgha CB; u sabiex jigi ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tigi likwidata l-istess u tinqasam bejn il-partijiet hekk kif mitlub fir-rikors guramentat promotur.*

*Illi z-zewg partijiet ghandhom introjtu separat u ndipendenti minn xulxin.*

*Illi inoltre llum-il gurnata, il-kontendenti ilhom ighixu separatament ghal aktar minn sena u nofs. Il-partijiet lanqas biss ghandhom dar matrimonjali, stante li huma kienu jghixu ma' omm l-intimat.*

*Illi ladarba l-kontendenti qed ighixu separatament, hemm lok li jinhareg ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

*Illi s-segwenti huwa l-insenjament ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti: "Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-ligi illi meta l-hajja mizzewga tal-partijiet tispicca, konjugi ma jibqax igawdi l-frott tal-hidma tal-konjugi l-iehor. Huwa dan l-iskop, jew wiehed mill-iskopijiet, ghall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proceduri tal-firma, ghaliex jista' jkun ta' pregudizzju ghal konjugi wiehed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' vigenti u l-konjugi l-iehor jibqa' jgawdi l-frott tal-hidma tal-ewwel konjugi, minkejja li l-hajja matrimonjali bejniethom tkun spiccat".*[1]

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, ai termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili [Kap. 16] tal-Ligijiet ta' Malta, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega fil-ligi, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tawtorizza lill-esponenti jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'tali ordni ta' waqfien tal-komunjoni.*

Rat illi r-rikors flimkien mad-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CB, datata 2 ta' Dicembru 2022, a fol 10 , li taqra hekk::

1. *Illi l-esponenti ma jopponix it-talba ta' AB bil-kundizzjoni li din id-dikjarazzjoni ta' terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti tkun mid-data tad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u dan mid-data tad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u dan minghajr ebda pregudizzju ghal kull kreditu/debitu ezistenti qabel tali dikjarazzjoni;*

2. *Illi ghalhekk qed tinzamm ferm kull responsabilita tar-rikorrenti AB ghal kwalsiasi dejn maghmul qabel illum u qabel tali dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti;*

[1] Francis Pisani vs Jacqueline Pisani [Rikors numru 168/2015 AL] deciza fil-5 ta' Dicembru, 2018; Stephanie Attard vs Kenneth Attard [Rikors numru 188/2015/2AL] deciza fis-26 t'Ottubru, 2016; u Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri [Rikors numru 71/15/1 AL] deciza fil-15 ta' Marzu, 2018.

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal kongunt tal- 21 ta' Novembru 2022 li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jipproducu ghal rigward it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, jew trattazjoni x'jissottomettu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza in parte;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara talba maghmula mill-attrici permezz ta' rikors datat 9 ta' Gunju 2022 fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "***Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.***"

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> "***Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.***"

Illi bhala regola, il-Qorti ghandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv ghal dawk il-kazi eccezzjonali fejn jigi sodisfacentement ippruvat illi l-waqfien ser igib mieghu pregudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-ohra.

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Illi fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Illi l-intimat fir-risposta tieghu sostna illi ma kellu ebda oggezzjoni ghat-talba tal-attrici bil-kundizzjoni li d-dikjarazzjoni ta' terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti tkun mid-data tad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti u minghajr ebda pregudizzju ghal kull kreditu/debitu ezistenti qabel tali dikjarazzjoni.

Illi in vista ta' tali konsiderazzjonijiet il-Qorti tqis illi m'hemm l-ebda ostakolu sabiex it-talbiet tal-attrici jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-**

**sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici. Naturalment jibqghu impregudikati id-drittijiet tal-kontendenti kontra l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi waqt li r-regim ta' separazzjoni tal-beni, jibda japplika minnufih.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**